**Tagħrif mill-Ispeaker Anġlu Farrugia mogħti fis-Seduta 346 tad-19 ta' Jannar 2016 bi tweġiba għal talba għal investigazzjoni dwar allegazzjoni ta' ħruġ ta' informazzjoni mill-Uffiċċju tal-Ispeaker u/jew tal-Awditur Ġenerali**

Is-Sedja tagħmel referenza għal ittra li ġiet mgħoddija lilha ftit minuti qabel ma bdiet is-seduta tal-bieraħ tat-18 ta' Jannar 2016 personalment mill-Onor Michael Falzon, Segretarju Parlametnari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva, liema ittra kellha d-data tal-bieraħ stess u li hekk kif bdiet is-seduta, ġiet moqrija mis-Sedja u mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra.

Fil-qosor l-ittra kienet tikkonsisti f'talba mill-Onor Falzon sabiex issir investigazzjoni min-naħa tas-Sedja dwar artikolu intitolat "NAO report may lead to changes in Cabinet – Auditor General expected to publish Gaffarena inquiry next week" li deher fil-ħarġa tal-ġurnal *Times of Malta* tas-Sibt 16 ta' Jannar 2016, u li fih hemm indikat li l-Awditur Ġenerali se jkun qed jippreżenta rapport lill-President tal-Kamra tad-Deputati nhar l-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2016. Fl-istess artikolu hemm indikat ukoll illi:

> "*According to leaked information the investigation concluded that the deal breached expropriation rules, thus empowering the government to nullify the deal.*"

Permezz tal-istess ittra inġibdet ukoll l-attenzjoni tas-Sedja li:

> "... minn diskorsi pubbliċi illi għamlu esponenti politiċi ... il-Ħadd, 17 ta' Jannar 2016, jidher li mhux biss id-data tat-tqegħid ta' tali rapport ġiet indebitament u abbużivament żvelata, iżda ferm aktar serju minn hekk jidher illi ġew żvelati wkoll il-kontenut u l-konklużjonijiet tal-istess rapport"

Fid-dawl ta' dan kollu is-Segretarju Parlamentari Michael Falzon talab lis-Sedja sabiex tinvestiga sew dwar kif id-data tat-tqegħid tar-rapport inkwistjoni kif ukoll il-kontenut tal-istess rapport spiċċa għand il-ġurnali u għand esponenti politiċi qabel ma tali rapport ġie ppreżentat lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati.

Is-Sedja, wara li fis-seduta tal-bieraħ qrat l-ittra mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari Michael Falzon, qalet hekk:

> "Ovvjament jien qed naqraha proprju issa għax kif għedt, irċevejt din l-ittra tliet minuti ilu. Jien nista' nikkonferma li min-naħa tiegħi ċertament għad m'għandna l-ebda informazzjoni dwar ir-rapport; l-unika ħaġa hija li ġie kkomunikat lili meta għandu jiġi għandi l-Awditur Ġenerali. Se ngħaddiha lill-Awditur Ġenerali biex jinvestiga dwar possibbiltà ta' *leakage* li seta' kien hemm mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali."

Ilbieraħ stess is-Sedja għaddiet kopja tal-ittra tal-Onor. Michael Falzon lill-Awditur Ġenerali u informatu dwar dak li ġie ddikjarat mis-Sedja fil-Kamra. Tard dalgħodu s-Sedja kellha wkoll laqgħa mal-Awditur Ġenerali u mad-Deputat Awditur Ġenerali u dan wara li l-istess Awditur Ġenerali għamel l-investigazzjonijiet u xtaq jirrapporta dwar il-konklużjonijiet tiegħu. Waqt din il-laqgħa

l-Awditur Ġenerali informa lis-Sedja li ma rriżultalux li kien hemm xi forma ta' *leakage* li setgħet għaddiet lil kwalunkwe membru tal-*media* jew lil xi ġurnalist. Min-naħa l-oħra lanqas ma rriżultalu li kien hemm xi membru tal-*media* li b'xi mod prova javviċina xi membru tal-i*staff* tal-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali.

Hawnhekk is-Sedja tixtieq tirrileva li mill-istess qari tal-artikolu inkwistjoni, ma joħroġ xejn ċar li l-informazzjoni setgħet ġiet miksuba mir-rapport tal-Awditur Ġenerali, u allura anke dwar l-allegat l-istess *leakage*.

Saret ukoll investigazzjoni fl-Uffiċċju tal-istess Sedja fir-rigward ta' xi ħruġ ta' informazzjoni dwar id-data tal-preżentazzjoni tar-rapport u dan fid-dawl li kif iddikjarat mis-Sedja lbieraħ, ir-rapport inkwistjoni għadu ma wasalx għand is-Sedja. Ukoll f'dan il-każ, is-Sedja ma rriżultaliex li kien hemm xi forma ta' *leakage* li seta' wassal sabiex id-data tal-preżentazzjoni tar-rapport għaddiet lil xi ġurnalist, jew li xi membru tal-*media* b'xi mod ipprova javviċina xi membru tal-i*staff* tal-Uffiċċju tal-Ispeaker.

Għaldaqstant is-Sedja qiegħda tinforma lill-Kamra li fir-rigward ta' dak li ġie rappurtat fl-artikolu ċitat hawn fuq li deher fil-ġurnal *Times of Malta* tas-16 ta' Jannar 2016, is-Sedja ma rriżultaliex li kien hemm xi ħruġ ta' informazzjoni mhux awtorizzat miż-żewġ Uffiċċji u dan kif imsemmija fl-ittra tal-Onor. Michael Falzon.

Ir-*ruling* huwa deċiż.